Fid-dverna ta' Dame Bull, Marlowe taparsi ġie assassinat. Meta dalam sewwa x'aktarx li xi qaddejja ta' Walsingham daħħlu fl-istess dverna xi raġel fis-sakra u mbagħad qatluh. Sa dan it-tant hargu lil Marlowe minn hemm, (li kien sempliċiment ferut) u ħaduh fuq xi bastiment fejn wara li dewwewh għall-ferita li kellu, huwa ġie meħud f'xi pajjiż il bogħod — aktarx fl-Italja!

Il-katavru tar-raġel il-mejjet ġie mbagħad meħud u midfun malajr malajr u bil-moħbi, għat-taparsi li kien dak ta' Christopher Marlowe. B'hekk il-verità kollha baqgħet mistura.

Dwar l-Uffiċjal inkarigat biex jinvestiga l-każ, dan aktarx li ġie mħallas tajjeb minn Walsingham u mwissi biex iżomm fommu magħluq.

Dejjem skond Hoffman, Marlowe jew moħbi fid-dar ta' Walsingham, jew inkella mill-pajjiż fejn kien jinsab issokta jikteb sew drammi u kemm versi; u dawn kien jgħaddihom lill-patrun tiegħu Walsingham. U hekk nistgħu naħsbu li l-isem ta' William Shakespeare beda kull ma jmur jissemma u jżid fil-fama għall-ġmiel ta' kitba li kienet tidher taħt ismu.

(Jissokta)

* * *

# ĦASSEJT... MADONNA

**Lill-qraba tiegħi dawn il-versi noffri**

Ħassejt Madonna s-sabar
Kull meta lejk ħarist,
U tlabt f'waqtiet ta' niket
X'ħin lilek b'qima bist!

Ħassejt Madonna l-qawwa
Kull meta wkoll f'xi waqt,
B'taħbit ta' din il-ħajja
Jien mifni lejk ersaqt...

Ħassejt Madonna l-faraġ
Kull meta jiena ħdejk
Bqajt ftit sabiex nitgħaxxaq
Bil-ħars tas-sbieħ għajnejk!

Villa Lija
4.x.72

MARIO AGIUS



# META TIĠI BID-DGĦAJSA

## NOVELLA ta' PAWLU MIFSUD

*IL-PRASPURA tas-Sur Ċensin* bdiet, tista' tgħid, biċ-ċajt. Lejla waħda kiesħa ta' Jannar, xi siegħa wara li kien wasal lura d-dar mix-xogħol, kien qed jara kummiedja fuq it-Televiż, jieħu gost u jfaqqa' d-daħk sikwit, meta fid-daqqa u l-ħin ħass weġgħa kbira f'sidru. Bħal-likieku kien ġie xi ħadd minn warajh u daħħallu f'qalbu ponta ta' stalett irqiq.

Is-Sur Ċensin sfar minnufih, iktar bil-biżgħa milli għax kien iħossu ħażin. Twerwer. U dak il-waqt stess qam minn fejn kien u daħal fis-sodda jistrieħ. Lanqas għall-ikel ma niżel għax mank nitfa aptit ma kien fadallu. U matul il-lejl ftit li xejn raqad. Il-ħin kollu jaħseb u jħewden.

Malli sebaħ qatagħha li ma jmurx għax-xogħol dak in-nhar. Minflok ġiegħel lil martu ċċempillu minn għand il-ġara għat-Tabib Sant. Dan, imma qisu ma kellux għaġġla jiġi u kien qorob sewwa nofs in-nhar meta wasal.

"X'ġaralna, Ċensin?" staqsih meta ħares lejh u rah hekk mixrub u musfar.

"Hawn, Dott..." qallu dak itemtem, waqt li mess sidru b'idu tal-lemin. U ssokta jirrakkuntalu l-ġrajja kollha.

It-Tabib Sant inviżtah, ittestjah għal darba tnejn, mingħajr ma kellmu mqar kelma waħda. Imbagħad taptaplu fuq spalltu, tbissimlu u qallu:

"M'għandek xejn. Tista' sserraħ rasek. Li kont minnek noħroġ minn dik is-sodda u nitlaq 'il barra għall-arja. Jagħmillek tajjeb."

Hekk għamel Ċensinu. Qam, libes u ħareġ. Imma l-magna ta' moħħu baqgħet tberren. Ma deherlux li għandu joqgħod fuq in-naqra t'eżami tat-Tabib Sant. Ried il-ġudizzju ta' xi ħadd aqwa, xi professur tal-mard tal-qalb, xi speċjalista famuż.

U x-xiħadd famuż kien il-Professur Rikkardu Minelli li, kif qalulu xi ħbieb, kien ipoġġi fi spiżerija l-Belt, taħt il-loġoġ. Bla ma tilef żmien ċempel mill-kaxxa l-ħamra ta' ħdejn il-Knisja, 964579, biex jara kif jirranġa appuntament.

Weġbitu waħda tfajla, leħen irqiq ta' pupa, li kellha sebgħa mitt sena teħles minnu u taqta'.

"Xtaqt nagħmel appuntament mal-Profs Minelli..."

"Smajtek..." qaltlu dik. "Ġa għedlek li mhux qed jaċċetta nies għalissa... għax mgħobbi bix-xogħol... dak għaliex..."

"Imqar ġimgħa oħra tafx..." baqa' jinsisti s-Sur Ċensin.